



Brussell, 16 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

13099/17

COASI 164
ASIE 44
CFSP/PESC 862
POLGEN 131
COHOM 114
COHAFA 77
MIGR 199
JAI 893
CIVCOM 188
ASEM 3

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 16 ta' Ottubru 2017

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 12917/17

Suġġett: Il-Myanmar/Burma:
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Ottubru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Myanmar/Burma, kif adottati mill-Kunsill fit-3566 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Ottubru 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Myanmar/Burma

1. Is-sitwazzjoni umanitarja u tad-drittijiet tal-bniedem fl-Istat ta' Rakhine hija estremament serja. Hemm rapporti inkwetanti ħafna ta' ħruq doluż u vjolenza kontinwi fuq in-nies u ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż sparar indiskriminat tal-armi, il-preżenza ta' mini tal-art u vjolenza sesswali u sessista. Dan mhux aċċettabbli u għandu jiegħaf immedjatament. Aktar minn 500 000 ruħ, li l-biċċa l-kbira minnhom huma Rohingya ħarbu minn djarhom u fittxew refuġju fil-Bangladesh, minħabba l-vjolenza u l-biża'. L-ispostament ta' tant nies tant malajr huwa indikazzjoni ċara ħafna ta' azzjoni intenzjonata li titkeċċa minoranza. Għalhekk, huwa ta' importanza kbira li r-refuġjati jkunu jistgħu jirritornaw b'sigurtà u dinjità. L-aċċess għall-għajnuna umanitarja u l-mezzi tax-xandir huma ferm ristretti fl-Istat ta' Rakhine. Għalhekk jista' jkun li l-ħtiġijiet ma jiġux valutati u indirizzati b'mod sħiħ.
2. L-UE appellat lill-partijiet kollha biex iwaqqfu immedjatament kull vjolenza. Hija tteġġegħ lill-militar tal-Myanmar/Burma biex itemm l-operazzjonijiet tiegħu u jiżgura l-protezzjoni tal-persuni ċivili kollha mingħajr diskriminazzjoni u biex josserva b'mod sħiħ id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ttenni wkoll l-appell tagħha lill-gvern tal-Myanmar/Burma biex jieħu l-miżuri kollha ħalli jittaffew it-tensjonijiet bejn il-komunitajiet; jippermetti aċċess umanitarju sħiħ, sigur u mingħajr kundizzjonijiet bla dewmien, inkluż lin-NU, il-KISA u l-NGOs internazzjonali; u jistabbilixxi proċess kredibbli u prattiku biex jippermetti r-ritorn sikur, volontarju, dinjituż u sostenibbli ta' dawk kollha li ħarbu minn djarhom lejn il-postijiet tal-orijini tagħhom. L-UE żiedet l-għajnuna umanitarja tagħha għar-refuġjati Rohingya fil-Bangladesh u tinsab lesta li testendi l-attivitajiet tagħha fl-Istat ta' Rakhine favur il-persuni kollha fil-bżonn ladarba jingħata l-aċċess.

3. L-UE u l-Istati Membri tagħha jikkonfermaw mill-ġdid l-impenn qawwi tagħhom enfasizzat fl-Istrateġija tagħha dwar il-Myanmar (Ġunju 2016) biex tappoġġa t-transizzjoni demokratika, il-paċi, ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali u l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-pajjiż. F'dan il-kuntest, l-UE tinsab lesta li tappoġġa lill-Gvern tal-Myanmar/Burma biex tkun żgurata l-implimentazzjoni rapida u sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar l-Istat ta' Rakhine, inkluż l-kwistjoni kruċjali taċ-ċittadinanza għall-popolazzjoni Rohingya apolida. L-UE tilqa' l-fatt li l-gvern waqqaf Kumitat Interministerjali għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet.
4. L-UE tilqa' l-impenn tal-Konsulent tal-Istat biex l-awturi kollha ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u atti kriminali oħra jitressqu quddiem il-ġustizzja, skont l-istat tad-dritt biex tiġi evitata kull impunità, u d-dikjarazzjoni tagħha tad-19 ta' Settembru li l-Myanmar/Burma ma jibżax minn skrutinju internazzjonali. Allegazzjonijiet kredibbli ta' ksur u abbuż serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-attakki brutali fuq it-tfal, għandhom jiġu investigati bir-reqqa. F'dan il-kuntest l-UE thegġegħ lill-Myanmar/Burma biex jikkoopera bis-sħiħ mal-Missjoni indipendenti internazzjonali ta' Ġbir ta' Informazzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u biex jagħtiha aċċess sħiħ, sikur u mingħajr xkiel lejn il-pajjiż mingħajr dewmien. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li reċentement il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU estenda l-mandat tal-Missjoni ta' Ġbir ta' Informazzjoni.
5. Barra minn hekk, l-UE tinkoraġġixxi lill-Myanmar/Burma biex ikollu djalogu mal-pajjiżi ġirien tiegħu, b'mod partikolari il-Bangladesh, dwar li jinstabu soluzzjonijiet għat-tħassib komuni, b'mod partikolari r-ripatrijazzjoni tar-refuġjati lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom, fl-ispiritu ta' relazzjonijiet tajba mal-ġirien. L-UE tapprezza r-rwol kostruttiv tal-Bangladesh f'ċirkostanzi diffiċli.

6. Fid-dawl tal-użu sproporzjonat tal-forza mill-forzi tas-sigurtà, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jissospendu stedinet lill-Kap Kmandant tal-forzi armati u uffiċjali militari għolja oħra tal-Myanmar/Burma u jirrieżaminaw il-kooperazzjoni Prattika kollha fil-qasam tad-difiża. L-UE tikkonferma r-rilevanza tal-miżuri restrittivi attwali tal-UE li jikkonsistu f'embargo fuq l-armi u tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna. Il-Kunsill jista' jikkunsidra miżuri addizzjonali jekk is-sitwazzjoni ma tmurx għall-aħjar iżda jinsab ukoll lest li jirrispondi kif ikun adatt għal żviluppi pożittivi.
7. Is-sitwazzjoni umanitarja tal-popolazzjonijiet milqutin mill-konflitt fl-Istati ta' Kachin u Shan, inkluż 100.000 ruħ spostati internament, hija wkoll ta' tħassib kbir. L-għajnuna umanitarja għet ukoll ferm limitata hemmhekk u l-UE tappella lill-Gvern tal-Myanmar/Burma biex jerġa' jagħti l-aċċess umanitarju lill-komunitajiet kollha milquta f'dawn iż-żoni.
8. L-UE ser tkompli tindirizza dawn il-kwistjonijiet essenzjali u l-isfidi kollha marbuta mal-proċess ta' transizzjoni demokratika fil-qafas tal-impenn kontinwu tagħha mal-gvern tal-Myanmar/Burma u fil-fora internazzjonali rilevanti kollha, b'mod partikolari n-NU. L-UE għandha wkoll l-intenzjoni li taħtaf l-opportunità tal-Laqgħa li jmiss tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-ASEM (Nay Pyi Taw, 20/21 ta' Novembru 2017) biex tieħu sehem, fil-margħni tagħha, fi djalogu kostruttiv mal-gvern u ser tkompli taħdem ukoll flimkien mas-sħab Asjatiċi kollha f'dan ir-rigward. L-UE tinkoraġġixxi wkoll lis-sħab tagħha fl-ASEAN u fir-reġjun biex jimpenjaw ruħhom f'dan il-proċess.